KUNSILL LOKALI
IS-SIĠĠIEWI
Città Ferdinand

MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi

IT-TMIEN LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 447 (8-75)

It-Tnejn 20 ta' Novembru 2023 fis-6.00 ta' filgħaxija

Il-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi ltaqa' fiċ-Ċentru Ċiviku tas-Siġġiewi li jinsab fl-indirizz 18, Pjazza San Nikola, is-Siġġiewi.

PREŻENTI:

Is-Sindku Dominic Grech
Il-Viċi Sindku Rodianne Haber
Il-Kunsillier Julian Borg
Il-Kunsillier Francine Farrugia (daħlet għal-laqgħa fis-6.45pm)
Il-Kunsilliera Gillian Farrugia Pace

ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A(3):

Il-Kunsillier Kurstein Sant
Il-Kunsillier Adrian Farrugia

ASSENTI

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Ritienne Giorgino – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku preseda l-laqgħa.

**447.1** **Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

**447.1.2** Is-Segretarju Eżekuttiv preżentat l-ittra t'apoloġija tal-Kunsillieri Kurstein Sant u Adrian Farrugia.

**447.2** **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

**447.2.1** Inqraw il-Minuti tas-Seduta 446. Is-Sindku ressaq il-Minuti għall-approvazzjoni. Il-Kunsiller Julian Borg issekonda. Il-Kunsill approva unanimament il-Minuti moqrija bħala dokument korrett.

**447.2.2** **Punti li joħorġu mill-Minuti**

**447.2.3** 446.15 Is-Sindku rrefera għall-ispjega ta' din l-offerta. Il-Kumpanija qed toffri assistenza teknika fl-IT lir-residenti tas-Siġġiewi għal prezz ta' €5000 fis-sena li tkun iffinanzjata mill-Kunsill Lokali. Wara diskussjoni, kien hemm qbil li din l-offerta preżentement mhix vjabbli u allura ma tintlaqax.

**447.2.4** 446.5 Il-Kunsillier Julian Borg staqsa jekk kienx hemm konklużjoni għall-proposta tat-traffiku fi Triq is-Siġġiewi minflok ir-roundabout. Is-Sindku qal li kienu proposti traffic calming measures fid-diversi side streets, u semma anka li diġa' hemm sleeping police approvata u installata fil-fetħa qabel iż-żebra crossing. Il-Kunsillier Borg talab pjanta tal-proposti l-ġodda meta tkun disponibbli. Is-Sindku qal ukoll li l-ġimgħa d-dieħla ser tinżeba' parking bay blu diġa approvata fi Triq Papa Pawlu VI u junction box quddiem l-entrata ta' triq privata li tagħti għal kumpless ta' djar għal aċċessibilita' ta' vetturi ta' emerġenza.

**447.2.5** 446.19.2 Il-Kunsillier Julian Borg talab il-lista tal-ispejjeż relatati mal-aħħar 5 attivitajiet ta' festa Għeneb li saru. Is-Segretarju Eżekuttiv preżentat il-listi mitluba.

**447.2.6** 446.20.1 Is-Sindku informa li flimkien mal-Viċi Sindku kien iltaqa' mal-familjari li kienu a konoxxenza tal-proposta tal-mafkar u laqgħuha b'mod pożittiv ħafna. Huwa qal li x-xewqa tal-familjari hija li l-mafkar ikun wieħed sempliċi u proponew plakka kommemorattiva mar-residenza 88 Triq Tan-Nofs fejn twieled u fejn kien joqgħod. Huwa qal li llum din ir-residenza hija privata u għalhekk hemm bżonn il-permess tas-sid biex teħel plakka. Il-pass li jmiss li jsir kuntatt mas-sid u nimxu minn hemm.

**447.3** **Komunikazzjoni mis-Sindku**

**447.3.1** Restawr tal-Kappella tal-Karmnu fil-Fawwara

Is-Sindku informa li kellu laqgħa ma' rappreżentanti tal-Kurja kif ukoll tal-Fraternita' li għandhom iċ-ċens tal-kappella. Kien hemm preżenti wkoll il-Perit tal-Kurja li għamel l-istudju fl-2019. Huwa infurma li l-istudji huma lesti u għandna kopja tagħhom, kif ukoll tal-permessi li inħarġu fl-2020. L-istima miġbura fl-2019 tilħaq il-€1.4 miljun u llum telgħet qrib l-€2 miljun. Is-Sindku qal li din l-ispiża hija impossibbli għal Kunsill Lokali u l-Kunsill Lokali għandu jgħamel talba lill-Gvern Ċentrali biex isir ix-xogħol bħal tal-kappella tal-Lunzjata tal-Għolja.

**447.3.2** Talbiet (claims) għal ħsarat

Is-Sindku qal li flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv kellu laqgħa mal-Avukat tal-Kunsill rigward claim dwar allegata ħsara fil-vettura fi Triq ta' Ħal Farruġ. Is-Sindku qal li hija prassi tal-Kunsill li jintalab rapport tal-Pulizija dwar il-każ, ritratti tal-ħsarat, ritratti tal-allegat post, riċevuti u dokumenti oħrajn u nirreferu il-każ għall-arbitraġġ. Dan biex ma jinħolqux preċedenti u kull każ jiġi trattat individwalment.

Hu qal li l-Kunsill jimmaniġja fondi pubbliċi u għalhekk każi bħal dawn iridu jiġu verifikati minn diversi fatturi tal-allegat inċident. Hu qal li l-Ombudsman qed jitlob dokumentazzjoni dwar dan il-każ partikolari. Hu qal li it-triq in kwistjoni hija kummerċjali, u ġġarab ħafna ħsarat minn trakkijiet.. Filfatt dan l-aħħar snin, apparti l-ammont ta' tiswija mill-Kunsill Lokali, sar 'major' patching minn Infrastructure Malta. L-istess triq hemm għaddej ukoll xogħol ta' trinkar ta' servizzi, liema xogħol ilu għaddej xhur twal. Filfatt kien hemm anka mistoqsija parlamentari f'dan ir-rigward.

**447.3.3** Is-Sindku propona li bħala proċedura in ġenerali meta l-Kunsill jirċievi claim, għandha ssir laqgħa mill-Kunsill u jinħareġ rapport ġeneriku fuq il-każ partikolari, u tintbgħat notifika. Is-Sindku qal li mhix kompetenza tal-Kunsill u lanqas għandu mezzi biex jidħol fil-mertu tad-diversi fatturi tal-każ. Il-Kunsill unanimament qabel ma' dan.

**447.3.4** Reġjun Punent – Laqgħa dwar il-Budget 2024
Is-Sindku qal li attenda għal laqgħa tar-Reġjun Punent dwar tħejjija għal budget għas-sena 2024. Is-Sindku qal li ssemmew diversi sfidi li l-Kunsilli qed iħabbtu wiċċhom magħhom, speċjalment l-ispejjeż tal-kuntratti tat-tindif u l-kwalita' ta' servizz li qed tingħata. Hu qal li meta tingħalaq is-sena finanzjarja ikun jista' jinħadem bilanċ u jiġi kkalkulat jekk hemmx xi bilanċ li l-Kunsilli jistgħu jibbenefikaw minnu. Is-Sindku qal li semma l-attivita' tal-Mixgħela li hija l-ikbar attivita' fir-Reġjun u talab li jkun hemm għajnuna finanzjarja għaliha bħala attivita' kulturali prijoritajra.

**447.3.5** Is-Sindku semma wkoll finanzjament oħra li fadal għal din is-sena, fosthom is-€7 elef għal proġett tal-belisha crossing fi Triq Dun Manwel Zammit. Huwa qal li hemm problema mal-kuntrattur peress li ta indikazzjoni li ma jridx jaħdem fuq dan il-proġett. Is-Sindku qal li l-kuntratturi għandhom obbligi kuntrattwali mal-Kunsill u għandhom jirrispettawhom.

**447.3.6** Bring in site fi Triq Mons FX Mangion
Is-Sindku qal li hemm diversi ilmenti mir-residenti qrib il-bring in site fi Triq Mons FX Mangion minħabba il-ħsejjes tat-tbattil tal-ħġieġ anka f'ħinijiet ta' mistrieħ. Hu qal li l-ilmenti dwar ħmieġ ħdejn is-siti naqsu minn meta inbidlet l-iskema. Huwa ssuġġerixxa li jersqu lejn iċ-ċimiterju. Huwa qal li dan is-sit diġa' kien suġġerit iżda peress li huwa il-barra minn żona residenzjali ma jilħaqx il-kriterji neċessarji. Huwa qal li dejjem nistgħu nerġgħu nipproponu li jitressqu minħabba dan l-inkonvenjent.

**447.3.7** Ftehim ma' Infrastructure Malta għal xogħol f'toroq rurali
Is-Sindku preżenta kopja tal-ftehim mibgħut minn Infrastructure Malta biex jiġi ffirmat mill-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi, biex isiru dawn it-toroq t'hawn taħt:

1. Parti minn Triq Wied tal-Lewża
2. Limiti Taż-Żejnu
3. Triq Santu Kristu tal-Għolja
4. Sqaq fi Triq Panoramika
5. U Triq Tal-ħassajeq bejn il-konfini tas-Siġġiewi u l-Qrendi

**447.4** **Mistoqsijiet mill-Kunsilliera**
Ma kienx hemm mistoqsijiet.

**447.5** **Rapport tal-Contracts Manager dwar servizzi ta' Sweeping u non-urban fis-Siġġiewi**

**447.5.1** Kuntratt tal-Knis (LCS23/22)
Ġie preżentat ir-rapport tal-contract manager dwar ix-xogħol taħt il-kuntratt LCS23/22 għax-xahar ta' Ottubru. Il-Kunsill irrimarka li s-sitwazzjoni ftit li xejn inbidlet u l-ilmenti deħlin dwar ħmieġ fit-toroq huma numerużi. Ir-rapport juri ċar li hemm toroq li ilhom ġimgħat ma' jinkinsu, il-ħaxix mal-bankini ma jinqatax jew li s-servizz mogħti mhux sodisfaċenti, saħansitra f'toroq prinċipali bħal pjazza. Reġa ġie nnutat li minkejja t-talba tal-Kunsill li l-Pjazza ssir l-ewwel ħaġa filgħodu, qatt ma

deher kennies filgħodu.
L-istess ukoll għall-boroż tal-kenniesa biex jinġabru mill-ewwel iżda jibqgħu hemm ġranet anka meta niġbdu l-attenzjoni kontinwament permezz tac-chat. Il-contract manager kien mitlub li kuljum idur it-toroq u jivverifika jekk il-knis hux isir skond l-iskeda. Jidher ċar li l-iskeda mhix tiġi segwita. Kien hemm qbil unanimu li għax-xahar ta' Ottubru 2023, jkun hemm penali ta' 5% skond kif jippermetti l-kuntratt.

**447.5.2** Kuntratt Tindif Rurali LCS34/2021
Ġie preżentat ir-rapport tal-contract manager dwar ix-xogħol taħt il-kuntratt LCS34/2021 għax-xahar ta' Ottubru. Ġie nnutat l-ammont ta' xogħol li sar tul ix-xahar u anka l-kwalita'. Il-Kunsill reġa' rrimarka l-għodod li qed jintużaw fl-eżekuzzjoni tax-xogħolijiet u li dawn qed jikkawżaw anka dewmien eċċessiv. Inġibdet l-attenzjoni li fir-rekwiżiti tal-kuntratt kienu imsemmija diversi għodod u makkinarki li dawn qatt ma ntużaw. Mir-rapport jirriżulta wkoll id-dewmien biex jinġabar annimal mejjet huwa esaġerat meta fil-kuntratt (4.2.5) jispeċifika 24 siegħa. Inġibdet l-attenzjoni li l-Kunsill qed jirċievi kontijiet ta' rimi l-Wasteserv, liema spiża hija inkluża fil-kuntratt. Fatt ieħor huwa li kien hemm diversi ġranet ta' 'no show' meta jirriżulta li l-Kuntrattur kien indispost, iżda ħadd mill-ħaddiema tiegħu ma rrapurtaw għax-xogħol anka meta l-kuntratt (6.1.2) jispeċifika li għandu jkun hemm 'Support staff and backstopping' adekwati. Il-Kuntrattur ukoll obbligat bil-kuntratt (item 7) jiprovdi rapporti mensili, iżda s'issa qatt ma wasal l-ebda rapport.

**447.5.3** Is-Sindku propona li sakemm is-servizz ma' jkunx kif obbligat fil-kuntratt, jibqa' jkun hemm penali ta' 20% skond artiklu 4.2.7 u jekk is-sitwazzjoni ma titranġax ma jiġix eskluż li jittieħdu passi ulterjuri fuq iż-żewġ kuntratti. Il-Kunsill unanimament qabel.

**447.6 Bidu ta' xogħolijiet fi Triq Annabelle Vassallo, Triq l-Imqabba u part minn Triq Lapsi**

**447.6.1** Is-Sindku informa li inbeda x-xogħol fuq dan il-proġett, permezz ta' bdil ta' servizzi u bankini. Hu qal li dan il-proġett ilu fil-pjan mis-sena 2011 iżda kien hemm diversi issues li issa ġew riżolti. Is-Sindku qal li wara diversi tħassib mir-residenti, dawn ġew ikkuntattjati individwalment mill-Perit ta' Infrastructure Malta. Il-Kunsilliera Gillian Farrugia Pace qalet li hemm tgergir minħabba li ser jonqos il-parkeġġ. Is-Sindku wieġeb li t-triq hija pubblika u kienet magħluqa illegalment, iżda issa li ser isir ix-xogħol, it-toroq għandhom jinfetħu għat-traffiku biex anka jkun hemm flow tajba. Is-Sindku semma wkoll mirja paraboliċi, senjaletika u traffic calming measures biex jiġu inklużi max-xogħolijiet tal-proġett.

**447.7 Arranġamenti tat-traffiku fi Triq il-Knisja l-Qadima u Triq San Ġakbu**

**447.7.1** Is-Sindku qal li l-proposta li ilha fil-pjan ta' arranġement tat-traffiku f'dawn it-toroq għandha tiġi inkluża malli jitlesta l-proġett ta' Triq Annabelle Vassallo. Huwa qal li qed titlesta pjanta bil-proposta mill-perit tal-Kunsill biex titressaq quddiem il-Kunsill u eventwalment tintbgħat TM għall-approvazzjoni.

**447.7.2** Il-Kunsillier Julian Borg qal li hija ħaġa posittiva li jsiru diversi proġetti fil-lokalita' minn Infrastructure Malta u entitajiet oħra li jgawdu minnhom ir-residenti, pero xorta jibqa' l-fatt li l-Kunsill Lokali huwa gvern lokali u għandu jkun infurmat bid-dettalji minn qabel ta' x'sa jsir, timelines u informazzjoni oħra tax-xogħolijiet. Huwa wera d-diżappunt li l-Kunsill ma jkunx infurmat u jħossu skomdu li residenti jiġu jsaqsu dwar xogħolijiet li jkunu bdew u bħala kunsillier ma jkunx jaf jirrispondi.

**447.8** **Bidu tax-xogħolijiet fuq spazju miftuħ ġdid fiz-zona ta' Ramija**

**447.8.1** Is-Sindku qal li x-xogħolijiet mexjin u fis-27 ta' Novembru hemm skedata laqgħa mad-Dipartiment tax-Xogħolijiet għall-aġġornament. Il-proġett huwa stmat li jkun lest għal nofs is-sena d-dieħla.

**447.9** **Applikazzjoni PA/06976/21 – Rilokazzjoni ta' impjant ta' iproċessar ta' tarmac u konkrit bejn l-Mqabba u l-Qrendi**

**447.9.1** Is-Sindku qal li din il-kwistjoni diġa ġiet diskussa b'mod informali mal-Kunsill u jidher ċar li l-pożizzjoni tal-Kunsill hija kontra dan l-iżvilupp.

**447.9.2** Il-membri kollha preżenti ikkonfermaw dan qablu b'mod unanimu kontra li din l-applikazzjoni tipprosegwi u tiġi approvata. Is-Sindku qal li dan hu proġett li jhedded l-ambjent ta' din iż-żona ambjentali, mhux 'il bogħod mis-Siġġiewi, kif ukoll ikun ta' dannu għas-saħħa tal-familji u r-residenti li jirrisjedu f'dan is-sit in kwistjoni. Is-Sindku qal li b'din id-deċiżjoni il-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi jafferma l-appoġġ tiegħu lejn is-Sindku u l-Kunsill Lokali tal-Imqabba sabiex flimkien ma' Kunsilli Lokali oħra fil-viċinanzi, naħdmu lkoll flimkien sabiex dan il-proġett ma jimmaterjalizzax, kif ukoll jikkonsidra u jieħu l-passi kollha neċessarji li hemm bżonn jittieħdu sabiex din l-applikazzjoni tiġi rtirata immedjatament u dan fl-interess tar-residenti u l-familji Siġġiwin, kif ukoll dawk il-familji u r-residenti tal-lokalitajiet kollha milquta b' dan il-proġett propost.

**447.9.3** Is-Sindku propona li tissejjaħ konferenza tal-aħbarijiet sabiex jafferma l-pożizzjoni u l-oġġezjoni tiegħu lejn dan il-proġett, fl-interess tal-ħarsien tal-ambjent naturali ta' madwarna u s-saħħa tal-familji u r-residenti Siġġiwin. Il-Kunsill unanimament qabel u ġie miftiehem li l-konfenza tissejjaħ nhar it-Tlieta 28 ta' Novembru 2023 li ġej fis-1.00pm. Il-post ikun ikkonfermat 'il quddiem.

**447.9.4** Il-kunsillier Julian Borg qal li apparti din il-kwistjoni partikolari, bosta residenti huma imħassba dwar id-diversi attivita' kummerċjali llegali madwar is-Siġġiewi. Huwa rrefera għall-każijiet passati ta' impatt fl-industrija li tqajjmu f'Seduti preċedenti. Hu qal li għandu jkun hemm follow-up u aġġornament ta' dawn il-każi. Il-Kunsillier Borg qal li l-Kunsill għandu jibqa' jsegwi mal-awtoritajiet u jitlob aġġornamenti fuq x'azzjoni qed tittieħed. Il-Kunsillier Borg propona li ssir laqgħa mal-ERA u mal-PA dwar dan.

**447.10** **PC 033/18 – "Revision to South Malta Local Plan – Establishment of official alignments, building heights and designations which include areas for development, green areas and a buffer zone"**

**447.10.1** Is-Sindku informa li ġiet mibgħuta s-sottomissjoni kif diskuss fis-Seduta preċedenti u li ġiet ċirkulata u maqbula mill-Kunsilliera.

**447.11** **Proġett ta' upgarding tal-lattrina ta' Għar Lapsi b'fond mir-Reġjun Punent**

**447.11.1** Is-Sindku informa dwar progett ta' finanzjament mir-Reġjun Punent għal awtomatiżżar tal-lattrini pubbliċi. Huwa qal li diġa kien sar eżerċizzju minn naħa tagħna biex dan il-proġett isir fuq il-lattrina ta' Għar Lapsi, iżda dan il-proċess waqaf peress li kien hemm diversi ħsarat fis-sistema tad-drenaġġ li jammontaw għal aktar minn ħdax il-elf ewro. Is-Sindku qal li qabel issir awtomatiżżazjoni għandha ssir it-tiswija meħtieġa. Hu qal li qed isiru taħdidiedt mad-Dipartiment tal-Cleansing biex possibilment jiġi ffirmat MOU u x-xogħol jitwettaq minnhom. Is-Sindku qal l-proġett għandu jkun imwettaq sa Marzu 2024. It-total ta' finanzjament mir-Reġjun huwa ta' €60,000.

**447.12** **Bdil ta' street lighting għal dawk solar-based permezz ta' skema ta' Project Plus**

**447.12.1** Is-Sindku informa li ġie avviċinat minn Projects Plus dwar skema biex tiġi identifikata żona biex jinbidlu dwal tat-triq għal sistema solari. Hu qal li ġiet identifikata l-area fil-bajja ta' Għar Lapsi fejn hemm 20 lampa li iddeterjoraw u għandhom bżonn jinbidlu. Dan il-proġett huwa finanzjat internament mill-iskema.

**447.13** **Programm tal-Milied u preparamenti għall-attivitajiet**

**447.13.1** Is-Sindku informa li ġie stampat il-fuljett bil-kalendarju ta' attivitajiet tal-Milied inkuż tal-għaqdiet u tqassam fid-djar. Hu qal li infetaħ grupp whatsapp biex ikun hemm iktar faċilita' ta' komunikazzjoni bejn l-għaqdiet u kull min hu involut, inkluż Kunsilliera li qed jagħtu sehemhom. Is-Sindku qal li l-ewwel attivita' hija nhar is-Sibt 25 ta' Novembru 2023 fejn ser tinxtegħel is-siġra tal-Milied u d-dwal tal-Pjazza. Ser jiġi imniedu wkoll kor ġdid.

**447.14** **Stedina lis-Sindku ta' Bari sabiex jiġi Malta f'Marzu li ġej fl-okkażjoni ta' Jum is-Siġġiewi 2024**

**447.14.1** Is-Sindku qal li b'referenza għall-iffirmar tal-ġemellaġġ f'Bari li sar fl-14 t'Ottubru 202, issa jmiss li tintbgħat stedina uffiċjali lis-Sindku u delegazjoni mill-Comune di Bari għal żjara fis-Siġġiewi. Is-Sindku propona l-ewwel ġimgħa ta' Marzu fiċ-ċelebrazzjoni ta' Jum is-Siġġiewi. Huwa qal li malli jkollna l-konferma minn naħa tagħhom ikunu jistgħu jibdew il-preparamenti tal-programm.

**447.15** **Materji konnessi mal-Awtorita' tal-Ippjanar**

**447.15.1** Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat lista ta' applikazzjonijiet li daħlu mal-Awtorita' tal-Ippjanar biex isir xi tip ta' żvilupp fis-Siġġiewi.

**447.15.2** Il-Kunsillier Julian Borg iddikjara kunflitt ta' interess f'dawn l-applikazzjonijiet: PA324/23, PA742/22, PA6481/23, PA6697/23, RG1077/23

**447.16** **Rapport tal-Korrispondenza**

**447.16.1** Is-Segretarju Eżekuttiv preżentat lista tal-korrispondenza mill-aħħar Seduta sal-lum.

**447.16.2** Is-Sindku rrefera għall-korrispondenza mill-Għaqda tan-Nar għal talba biex tintrama raddiena LED fil-festi tal-Milied fejn intalab finanzjament ta' €1500. Wara diskussjoni, il-Kunsill unnanimament qabel li din il-wirja diġa intramat darbtejn u għalhekk ma tibqax novita'. Barra minn hekk l-attivita' tal-Milied din is-sena ser ssir fin-naħa ta' fuq tal-Pjazza u ċ-ċentru ċiviku ikun maqtugħ mill-attrazzjonijiet. Għalhekk din it-talba ma ġietx aċċettata.

**447.16.3** Is-Sindku rrefera għall-korrispondenza mil-LESA fejn saqsew rigward il-proġett b'fondi tal-Lesa. Hu qal li l-applikazzjoni tar-Reading Garden għadha fil-proċess għand l-awtorita' tal-Ippjanar wara ħafna emendi li kellu jagħmel il-Perit u diversi kjarifiki. Hu qal li dan il-proġett ġie miżmum għal żmien wara li kien hemm rikors minn residenti li għandhom interess li ma jsirx. Is-Sindku qal li ktibna lil LESA b'dan biex il-fondi għal dan il-proġett ma jintilfux.

**447.17** **Rapport tal-ilmenti**

**447.17.1** Is-Segretarju ppreżentat ir-rapport tal-ilmenti li l-Kunsill irċieva bejn l-aħħar Seduta u llum.

**447.18** **Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti**

Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat l-iskeda tal-pagamenti. Is-Sindku propona li l-Kunsill japprova l-lista tal-pagamenti. Il-Viċi Sindku issekondat u l-Kunsill approva l-iskeda tal-pagamenti b'mod unanimu.

**447.18.1** **Approvazzjoni tar-Rapport Finanzjarju Q3 Lulju-Settembru 2023**

Is-Segretarju Eżekuttiv preżentat ir-rapport fiannzjarju għal perjodu Lulju-Settembru 203 (Quarter 3), fejn tat spjega tar-rapport. Il-Kunsillier Julian Borg saqsa informazzjoni dwar 'payables' u talab biex dawn ikunu itemised. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ser titlob lista dettaljata u nibgħatha lill-Kunsilliera għall-informazzjoni tagħhom. Is-Sindku propona l-approvazzjoni tar-rapport. Ir-rapport ġie approvat.

**447.19** **Items oħra ta' xogħol ieħor li jkun meħtieġ**

**447.19.1** Il-Viċi Sindku infurmat li hemm bozza fi Triq Ħal Kbir ma tixgħalx.

**447.19.2** Il-Viċi Sindku talbet li tingħata tindifa fl-area ta' Ramija fejn hemm il-ħanut tal-laħam, u titnaddaf mill-ħaxix ħażin.

**447.19.3** Hija semmiet ukoll li hemm it-taraġ int u nieżel fil-bajja ta' Għar Lapsi fi stat ħażin u qed iweġġgħu in-nies.

**447.19.4** Il-Kunsillier Julian Borg staqsa dwar il-biċċa art skedata bħala green area fi Triq il-Palazz tal-verdala, jekk kienx hemm xi żvliupp. Is-Sindku qal li qiegħed f'kuntatt mal-awtoritajiet biex jiġi stabbilit min suppost jieħu l-azzjoni biex tinfetaħ u ssir green area.

**447.19.5** Il-kunsillier Julian Borg irrefera għall-bankijiet u l-fanali li inqalgħu minn Ramija fejn ser isir il-proġett tal-komunita' u ssuġġerixxa biex jiġu identifikati postijiet biex dawn jiġu installati post ieħor minflok ma jispiċċaw imwarrba.

**447.19.6** Il-Kunsilliera Francine Farrugia reġgħet semmiet il-periklu mit-trakkijiet b'sewqan eċċessiv fi Triq in-Nirien u t-toroq biswit, il-konġestjoni tat-traffiku , traffic calming measures u bżonn ta' mera parabolika. Qalet ukoll li hemm bżonn refreshing tal-linji fit-toroq tal-Kirċippu.

**447.19.7** Is-Segretarju Eżekuttiv informat li l-proġett Erasmus+ "Less Digital, more interasction" issa ġie fi tmiemu bi żjara ta' tletin żagħżugħ minn ħames pajjiżi ewropej. Issa qed isir il-proċess ta' evalwazzjoni u rapporti finali li jridu jiġu sottomessi u appovati biex il-Kunsill jirċievi l-bilanċ tal-fondi skond il-ftehim. Hija qalet li qed tistħarreġ mal-Aġenzija SEM rigward proġetti li l-Kunsill jista' japplika għalihom relatati mal-ġemellaġġ ma' Bari.

**447.20** **Tmiem tal-laqgħa u aġġornament**

**447.20.1** Il-laqgħa intemmet fid-9.10 ta' filgħaxija.
Is-Sindku propona li l-laqgħa li jmiss issir nhar it-Tnejn 18 ta' Diċembru 2023 fis-6.00 ta' filgħaxija.

Konfermati, illum 20 ta' Novembru 2023

| | |
|---|---|
| Dominic Grech | Ritienne Giorgino |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |